MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 67/2008

**Francis Cachia (ID 499744M), Georgina Cachia (ID 575331M), Rita Chircop (ID 554537M), Josephine Gauci (ID 234031M), Joseph Borg (ID 46043G) ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Frances Camilleri u Silvia Camilleri ; Joan Cauchi (ID 1090547M) f`isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Joseph Bonello, Salvatore Bonello, Anthony Bonello, Emanuel Bonello, Sylvia Taliana, Frances Rigby, Carmen Frachette, Mary Rose Bonnici, Mary Balzan u Alfred Bonello ; Saviour Cachia (ID 294546M) ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Charmel Cachia, Mary Hili, Carmen Hili, Michael Lino Cachia, Mary Iris Attard, Joseph Cachia, Frances Xerri, Sylvia Micallef u Irene Baldacchino**

***kontra***

**Kenneth Ghiller, Charles Cachia, Josephine Ghiller, Rita Galea u Francis Gatt**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-24 ta` Jannar 2008 li jaqra hekk –

*Illi l-esponenti huma lkoll koproprjetarji u kopossessuri tal-fond numru 25, Triq il-Ponta, Isla ;*

*Illi fis-seduta tas-26 ta` Novembru 2007 li saret fil-kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fl-ismijiet: Il-Pulizija [Seduta Bormla] vs Sammy Ghiller et, l-esponenti saru jafu li whud mill-intimati kienu taw dan il-fond b`kera lill-intimat Kenneth Ghiller [Dok. A] ;*

*Illi din il-kirja saret minghajr il-kunsens tal-esponenti u bi ksur ta` dak li jiddisponi l-Artikolu 1527 tal-Kodici Civili (Kap.16) ;*

*Ghaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega skond il-Ligi :*

*1. Tannulla l-kirja li nghatat lill-intimat Kenneth Ghiller tal-fond 25, Triq il-Ponta, Isla in kwantu din saret minghajr il-kunsens ta` l-esponenti u bk ksur ta` l-Artikolu 1527 tal-Kodici Civili (Kap. 16) ;*

*2. Tordna l-izgumbrament tal-intimat Kenneth Ghiller mill-fond 25, Triq il-Ponta, Isla f`terminu qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Rita Galea u Francis Gatt prezentata fil-<u>25 ta` Frar 2008</u> li taqra hekk –

*1. Illi l-esponenti ma humiex legittimi kontradditturi f`dina l-kawza stante li l-azzjoni attrici ghall-izgumbrament tal-konvenut l-iehor Kenneth Ghiller kellha ssir limitatament kontra l-istess Ghiller u ghalhekk l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ;*

*2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-atturi jridu qabel xejn jippruvaw il-mandat taghhom sabiex jagixxu ghall-partijiet assenti ;*

*3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet attrici huma nfondati sija fil-fatt kif ukoll fid-dritt ;*

*4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti Galea u Gatt, u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Kenneth Ghiller, Charles Cachia u Josephine Ghiller ipprezentata fis-26 ta` Frar 2008 li taqra hekk –

*1. Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti jridu jippruvaw illi huma l-koproprjetarji tal-fond mertu ta` dina l-kawza u ghandhom titolu validu skond il-ligi u juru kemm huwa s-sehem taghhom jekk ghandhom ta` dan il-fond u min huma l-koproprjetarji kollha ;*

*2. Illi fit-tieni lok u dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li diga` inghad lanqas ma huwa minnu li r-rikorrenti kellhom il-pussess effettiv tal-fond oggett ta` dina l-kawza ;*

*3. Illi fit-tielet lok il-proceduri quddiem dina l-Onorabbli Qorti huma distinti u indipendenti minn dawk kriminali, liema proceduri ma jaghmlu stat ta` fatt la fil-konfront tal-esponenti u wisq anqas fil-konfront tal-intimati l-ohra li ma humeix parti f`dawn il-proceduri ;*

*4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li diga` gie espost ma huwiex minnu li r-rikorrenti ma kinux konxji li saret il-kirja kif sejra tirrizulta mill-provi waqt il-mori tal-kawza ;*

*5. Salv ragunijiet jew eccezzjonijiet ohra u b`riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-intimati sabiex iharsu fost affarijiet ohra d-drittijiet taghhom.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti Kenneth Ghiller, Charles Cachia u Josephine Ghiller.

Rat in-noti guramentati b`dokumenti li l-atturi pprezentaw fit-2 ta' April 2008 u fit-23 ta` April 2008.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` l-atturi Francis Cachia, Giorgia Cachia,. Josephine Gauci u Saviour Cachia.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-5 ta` Jannar 2009 fejn laqghet it-talba tal-konvenuti Kenneth Ghiller, Charles Cachia u Josephine

Ghiller sabiex jipprezenta risposta ulterjuri biex jeccepixxu l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-Art.1527 tal-Kap 16.

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tal-konvenuti Kenneth Ghiller, Charles Cachia u Josephine Ghiller li taqra hekk –

*1. Illi l-azzjoni kif impostata mir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 1527 tal-Kodici Civili (Kap 16) hija reskritta bit-terminu ta` xaghrejn ;*

*2. Salv ragunijiet jew eccezzjonmijiet ohra u b`riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-intimati sabiex iharsu fost affarijiet ohra d-drittijiet taghhom.*

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta` Jannar 2009 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn il-kawza thalliet ghall-provi dwar l-eccezzjoni <u>ulterjuri</u> tal-preskrizzjoni skond l-Art 1527 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta, li kienet eccepita mill-konvenuti Kenneth Ghiller, Josephine Ghiller u Charles Cachia

Rat il-provi kollha li ressqu l-partijiet <u>anke</u> in konnessjoni mal-imsemmija eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni.

Rat id-digriet illi tat fl-udjenza tad-19 ta` Novembru 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza limitatament dwar l-istess eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni.

Rat is-sentenza li tat fl-14 ta` Marzu 2013 fejn ghar-ragunijiet hemm moghtija cahdet l-imsemmija eccezzjoni ulterjuri, bl-ispejjez kontra l-konvenuti Kenneth Ghiller, Charles Cachia u Josephine Ghiller.

Rat id-digriet illi tat fl-udjenza tat-30 ta` Mejju 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm spjegati, cahdet it-talba tal-konvenuti Kenneth Ghiller, Charles Cachia u Josephine Ghiller sabiex jinghataw permess illi jappellaw f`dan l-istadju tal-kawza mis-sentenza taghha tal-14 ta` Marzu 2013.

Rat illi l-istadju tal-gbir tal-provi fil-mertu kien maghluq fl-udjenza tat-18 ta` Novembru 2013.

Rat id-digriet illi tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` lill-partijiet illi jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet skond termini stabbiliti fl-istess digriet (ara fol 399 u fol 400).

Rat illi minkejja l-fakolta` li nghataw, il-partijiet baqghu ma pprezentawx noti ta` osservazzjonijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**Wara s-sentenza in parte tal-14 ta` Marzu 2013, il-partijiet ma ressqux provi godda. Il-provi li kienu tressqu fil-kuntest tal-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni skond l-Art 1527 tal-Kap 16 ighoddu wkoll ghall-konsiderazzjoni tal-mertu u tal-eccezzjonijiet l-ohra. Riassunt tal-provi huwa migbur fis-sentenza in parte tal-14 ta` Marzu 2013 (ara minn fol 378 sa fol 383). A skans ta` ripetizzjoni, il-Qorti qeghda taghmel riferenza ghal dawn il-provi ghall-fini tas-sentenza tal-lum.**

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Ghiller u Cachia</u>**

Fir-rigward ta` din l-eccezzjoni, il-Qorti hija tal-fehma illi r-rikorrenti ppruvaw sal-grad rikjest mil-ligi t-titolu taghhom fir-rigward tal-fond mertu ta` din il-kawza, ossija, l-fond 25, Triq il-Ponta, Isla. Infatti fil-kors tal-gbir tal-provi, kien spjegat illi l-fond kien proprjeta` ta` Salvatore u Carmela Cachia. Kienet prezentata d-denunzja tas-successjoni ta` Carmela Cachia (fol 26) u dik ta` Salvatore Cachia (fol 53) flimkien mat-testment ta` Salvatore u Carmela Cachia tal-20 ta` Jannar 1946 fl-atti tan-Nutar Dottor Oscar Azzopardi (fol 49). Ir-rikorrenti pprezentaw ukoll l-arblu tar-razza ta` l-eredi ta` Salvatore u Carmela Cachia (fol 23) kif ukoll lista tal-komproprjetarji u s-sehem rispettiv taghhom fil-fond de quo (fol 24). Ma` dawn l-atti kienu esebiti diversi dikjarazzjonijiet *causa mortis* u testmenti ta` dawk mill-eredi ta` Salvatore u Carmela Cachia li lahqu mietu (fol 63 et seq).

Huwa minnu li r-rikorrenti ma pprezentawx att sabiex juru kif il-fond kien sar proprjeta` ta` Salvatore u Carmela Cachia, kif ukoll naqsu milli jipprezentaw ricerki testamentarji biex jikkonfermaw li t-testmenti esebiti huma effettivament it-testmenti li jghoddu ghall-eredita` tad-decujus li taghhom issir referenza ghalihom fl-istess testment. Madanakollu din tal-lum mhijiex kawza ta` rivendika fejn it-titolu tal-atturi jrid jigi ppruvat bil-prova *diabolica*. Fil-kawza tal-lum, ma kienx hemm talba biex il-Qorti tiddikjara li l-atturi huma komproprjetarji tal-fond de quo. Sabiex it-talbiet attrici jigu akkolti, trid issir il-prova li l-atturi huma effettivament kompropjetarji tal-fond. Uhud mill-atturi fosthom Francis Cachia u Josephine Gauci fissru fix-xiehda taghhom kif huma ghandhom sehem mill-post. Anke l-konvenut Kenneth Ghiller ikkonferma li huwa kien jaf li l-post kien kompropjeta`. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-kumpless bil-provi li gabu l-atturi, u li ma gewx kontradetti mill-konvenuti, jammonta ghal prova sufficjenti li r-rikorrenti huma komproprjetarji ta` l-fond de quo. Il-Qorti qeghda ghalhekk tichad l-eccezzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Galea u Gatt</u>**

Mill-provi jirrizulta li l-konvenuti Galea u Gatt kienu involuti fl-ghoti ta` l-kirja lil Kenneth Ghiller. Billi l-atturi qeghdin jitolbu li l-kirja tithassar ghaliex saret minghajr il-kunsens taghhom, kien necessarju li min ikkonceda l-kirja jkun parti fil-kawza. Diversament kien iwassal ghal nuqqas ta` integrita` tal-gudizzju stante li whud mill-persuni li taw il-kirja ma jkunux gew imharrka. Ghalhekk it-talba ghat-thassir tal-kirja ma kenitx tkun proponibbli kemm-il darba il-partijiet kollha li kienu partecipi fl-ghoti tal-kirja ma kinux jiffiguraw bhala konvenuti fil-kawza tal-lum. Il-Qorti qeghda ghalhekk tichad l-eccezzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>It-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Galea u Gatt</u>**

Skond l-**<u>Art 1857(2) tal-Kap 16</u>**, mandat *jista` jinghata b`att pubbliku, b`kitba privata, b`ittra, jew bil-fomm, jew ukoll tacitament.* (ara : **PA/PS** – 28 ta` Jannar 2004 – "**<u>Emanuel Frendo vs Carmelo Azzopardi et</u>**" ; u **PA/GV** – 28 ta` Frar 2001 – "**<u>Elizabeth Elkhaite et vs Emanuel Attard et</u>**"). Fil-kaz tal-lum ma tressqet l-ebda prova fis-sens illi ma kienx inghata mandat anke verbali jew tacitu. Il-Qorti qeghda ghalhekk tichad l-eccezzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**VI. <u>Il-mertu tat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet l-ohra</u>**

Il-Qorti terga` ghal darb`ohra taghmel referenza ghall-**<u>Art 1527 tal-Kap 16</u>** kif kien fid-data tal-presentata tal-kawza tal-lum :

*"Il-kiri li jsir minn wiehed mill-kompossessuri tal-haga, minghajr awtorizazzjoni b` sentenza tal-qorti kompetenti jew minghajr il-kunsens ta` xi wiehed mill-kompossessuri l-ohra, jista` jigi fuq it-talba ta` dan il-kompossessur l-iehor, jigi annullat, kemm-il darba din it-talba ssir fi zmien xahrejn minn dakinhar li dan il-kompossessur ikun sar jaf b` dak il-kiri."*

**<u>L-elementi tal-azzjoni</u> huma dawn :**

**1) li tkun saret minn wiehed mill-kompossessuri tal-haga ;**

**2) li l-kirja tkun saret minghajr awtorizazzjoni b`sentenza tal-qorti kompetenti jew minghajr il-kunsens ta` xi wiehed mill-kompossessuri l-ohra ;**

**3) li t-talba biex tigi annullata l-kirja trid issir minn kompossessur iehor ;**

**4) li t-talba trid issir fi zmien xahrejn minn dakinhar li l-kompossessur ikun sar jaf bil-kirja.**

**<u>Ir-raba` element</u>** kien trattat *in extenso* minn din il-Qorti stess fis-sentenza taghha *in parte* tal-14 ta` Marzu 2013.

**<u>Dwar l-ewwel element</u>**, irrizulta mill-provi li originarjament il-post in kwistjoni kien mikri lil Carmena Gatt. Wara l-mewt taghha fl-2002, ic-cavetta ta` l-fond baqghet ghand bintha Rita Galea. Sussegwentement Rita Galea u huha Francis Gatt taw il-post b`kera lil Kenneth Ghiller filwaqt li Charles Cachia li kien ukoll komproprjetarju tal-fond peress li kien jigi z-ziju ta` Rita Galea u ta` Francis Gatt beda jiricievi l-kera minghand Kenneth Ghiller. Ghalhekk irrizulta li l-kirja saret minn kompossessuri tal-fond u per konsegwenza l-ewwel element huwa ppruvat.

**<u>Dwar it-tieni element</u>**, ma rrizultax li l-kirja favur Kenneth Ghiller saret ghax kienet awtorizzata b`sentenza ta` qorti kompetenti. Irrizulta pero` li l-kirja nghatat minghajr il-kunsens ta` l-kompossessuri l-ohra :

**L-attur Francis Cachia** xehed illi lilu hadd kien ma kien avzah li l-post kien inkera jew li xi hadd kien interessat jixtri. Sar jaf ghall-ewwel darba bil-kirja favur Kenneth Ghiller fis-seduta tas-26 ta` Novembru 2007 li zamm il-perit legali Av. Joseph M. Buttigieg fid-dar ta` Rita Galea. Huwa cahad li kien qal lil Rita Galea biex taghti l-post lil Ghiller.

**L-attrici Giorgia Cachia** wkoll sostniet li hija qatt ma rceviet kera jew xi flus ohra minghand Ghiller. Lanqas ghamlet xi ftehim ma` Ghiller dwar titolu jew xort`ohra. Ghal kuntrarju, hi mill-bidu nett opponiet li Ghiller jaghmel uzu mill-post.

**L-attrici Josephine Gauci** xehdet illi ftit xhur wara saret taf illi Kenneth Ghiller kien dahal fil-post bla ma avza lilha jew lill-eredi l-ohra. Insistiet li qatt ma rceviet minghand Ghiller xi kera jew xi hlas iehor talli dahal fil-post. Lanqas ma ffirmat xi skrittura ta` kera mieghu. Jew tatu xi permess biex jokkupa l-post. Sostniet illi hi qatt ma kienet sejra taghti permess biex fl-2004 post jinkera ghal Lm20 fis-sena ; il-kirja saret bi pregudizzju ghall-interessi taghha.

**L-attur Saviour Cachia** insista li hu qatt iffirma jew kien muri xi skrittura ta` kera tal-post lil Ghiller. Il-kirja saret b`ingann fil-konfront tal-werrieta l-ohra.

**Il-konvenuta Rita Galea** xehdet li kienet hi li tat ic-cavetta tal-post lil Kenneth Ghiller u li lill-atturi ma kellmithomx qabel tatu c-cavetta. Ikkonfermat illi ma nfurmat lil hadd mill-familja taghha li kienet sejra taghti l-post lil Ghiller. Hi u huha Francis Gatt biss kienu prezenti meta saret l-

iskrittura tal-kera ma` Ghiller, liema kirja spjegat hi stess li saret biex Ghiller ighix fil-post. **Anke l-konvenut Ghiller** sostna li hu ma marx ghand id-diversi sidien biex igharrafhom illi kien kera l-post minkejja li kien jaf u kkonferma wara domanda li saritlu mill-Qorti li l-post kien jappartjeni lil diversi sidien. Aktar tard fix-xiehda tieghu, Ghiller rega` kkonferma illi huwa qatt ma tkellem mal-atturi dwar il-kirja. L-unici li kienu jafu bil-kirja kienu Rita Galea, u huha Francis Gatt, Charles Cachia u allegatament Giorgia Cachia, li fix-xiehda taghha, insistiet li bil-kirja ma kienet taf xejn.

Rita Galea ppruvat fix-xiehda taghha ssostni li Francis Cachia kien jaf u taha permess biex tghaddi c-cavetta lil Ghiller. Dan tal-ahhar sostna li Francis Cachia qatt ma avvicinah minkejja li kien jarah fil-post. Charles Cachia ukoll ibbaza x-xhieda tieghu fuq il-fatt li Francis Cachia kien jaf li l-post kien ser jinkera lil Ghiller u kien irritorna c-cavetta lil Rita Galea peress li din kienet ghandu ghax kien interessat li jixtri l-fond. Madanakollu, bla ma l-Qorti toqghod tidhol fil-kwistjoni jekk il-verzjoni tal-konvenuti ghandhiex mis-sewwa inkella le, stante l-insistenza ta` Francis Cachia li huwa qatt ma kien jaf li l-post kien inkera qabel is-seduta tas-26 ta` Novembru 2007,, xorta wahda jibqa` l-fatt li l-atturi l-ohra ma gewx infurmati bil-kirja u lanqas taw il-kunsens taghhom biex issir il-kirja. Il-fatt li l-kirja ssir minghajr l-kunsens ta` kompossessur wiehed hija sufficjenti u mhux rikjest li jkun hemm maggoranza ta` kompossessuri li ma kinux jafu bil-kirja.

Rita Galea tallega illi qrib il-post kienu jghixu familjari ohra fosthom Georgina Cachia u Rita Chircop u li dawn qatt ma kellmuha minkejja li l-post kien okkupat minn Ghiller. Anke Kenneth Ghiller sostna li persuni li kellhom sehem mill-fond kienu rawh diehel u hiereg fil-fond. Ghalhekk Galea u Ghiller ghamlu l-argument li dawk il-persuni kienu tacitament taw il-kunsens taghhom ghall-kirja. Ghiller ma jispjegax min kienu l-persuni li jallega li rawh. Dwar ix--xiehda ta` Rita Galea, apparti l-fatt illi tara bniedem jokkupa post ma jfissirx li dik il-persuna ghandha kirja, Georgina Cachia ghamlitha cara fix-xiehda taghha li hija opponiet li Ghiller juza l-post sa minn mindu ratu hemm, kif del resto jaccetta l-istess Ghiller meta fix-xhieda tieghu jghid illi Cachia kienet avvicinatu u qaltlu li ma kienx ghamel sew li dahal fil-post billi sgassa l-bieb. Apparti minn hekk, jerga` jigi ribadit li nuqqas ta` kunsens ta` kompossessur wiehed huwa bizzejjed. Fil-konfront ta` dak illi xehdu Saviour Cachia u Josephine Gauci ma

saret l-ebda allegazzjoni li dawn kienu jafu bil-kirja jew illi kienu taw il-kunsens taghhom.

Inoltre fir-rigward tal-imsefrin li flimkien ma` l-atturi l-ohra fir-rikors guramentat ippremettew illi l-kirja saret minghajr il-kunsens taghhom, ma ngabet l-ebda prova kuntrarja fis-sens li dawn kienu taw il-kunsens taghhom. Meta kien mistoqsi mill-Qorti jekk kienx tkellem ma` haddiehor mill-familjari tieghu wara li Ghiller beda jikri l-post, Charles Cachia, li kien qed jircievi l-kera sas-sena 2007 minghand Ghiller, sostna li huwa ma kellem lil hadd inkluz dawk residenti barra.

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghax-xiehda ta` **l-konvenut Charles Cachia** li sostna li huwa kien jigbor il-kera minghajr ma` hadd kien awtorizzah jaghmel dan u li baqa` jghaddi l-kera lil Giorgia Cachia flimkien mas-sehem spettanti lil Francis Cachia sal-2002. Madankollu din ma kenitx kera li kien ihallas Ghiller izda kienet il-kera li kienet thallas Carmena Gatt bhala inkwilina tal-post. Fil-kontroezami, Charles Cachia jiccara illi wara l-2002, hadd mis-sidien ma ha kera lanqas minghand Kenneth Ghiller u li sal-2002, il-post kien ghadu okkupat minn Carmena Gatt. Ghalhekk anke din ix-xhieda ma taghti l-ebda sostenn lid-difiza tal-konvenuti kollha ghall-azzjoni attrici.

**Dwar it-tielet element**, jirrizulta anke minn ezami ta` l-arblu tar-razza, u mill-provi prodotti dwar it-titolu ta` l-atturi ghall-fond de quo illi l-atturi huma lkoll komproprjetarji ta` l-post u ghalhekk kellhom jedd jagixxu bil-kawza tal-lump. Tajjeb jigi rilevat li fit-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Cachia u Ghiller kien eccepiet li l-atturi ma kellhomx il-pussess effettiv tal-fond u ghalhekk ma setghux jittentaw din l-azzjoni. Ghalkemm jirrizulta minn qari tat-test tal-ligi li l-legislatur jaghmel referenza ghal kompossessuri, fil-kaz odjern, gie ppruvat b` mod sodisfacenti li l-atturi huma lkoll komproprjetarji ta` dan il-fond in kwistjoni. Verament irrizulta li sal-2002 il-fond kien qieghed ghand Carmena Gatt, izda din kienet tiddetjeni l-fond b`titolu ta` lokazzjoni u ghalhekk, ai termini tal-ligi, kienet qeghda tippossedi l-fond ghan-nom tas-sidien, u ma setghet bl-ebda mod skond l-**Art 2118 tal-Kap 16** tippreskrivi favur taghha.

Fin-noti tieghu dwar id-Dritt Civili, il-Prof Victor Caruana Galizia jghid illi – "*a person is not a possessor if he holds things in the name of another person*" . Persuni li jzommu l-haga f`isem haddiehor jew il-werrieta taghhom, bhall-kerrejja, ma jistghux jippreskrivu favur taghhom innfushom. Fil-kaz tal-lum, wara l-mewt ta` Carmena Gatt, il-konvenuta Rita Galea zammet ic-cavetta ghandha izda b`daqshekk ma jfissirx illi s-sidien ma kienux qeghdin jippossjedu l-fond. Barra minn hekk, il-presunzjoni hija li min huwa komproprjetarju u jzomm il-pussess esklussiv ta` l-fond ma jfissirx li jkun qed jippossjedi ghad-detriment tal-komproprjetarji l-ohra. Irrizultat Wkoll il-prova li kien hemm zmien meta l-attur Francis Cachia kellu ghandu c-cwievet ta` l-fond. Il-gurisprudenza li din il-Qorti ccitat fis-sentenza "in parte" tal-14 ta` Marzu 2013 taghmel riferenza ghal komproprjetarji ; u komproprjetarju ma jistax jaghti lokazzjoni lil terzi, minghajr il-kunsens tal-komproprjetarji l-ohra. Jekk jaghmel hekk, ikun qed ihalli lil terzi jgawdu drittijiet li huma tal-komproprjetarji l-ohra.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti kollha.**

**Tilqa` l-ewwel talba tal-atturi.**

**Tilqa` t-tieni talba tal-atturi. Tordna l-izgumbrament tal-konvenut Kenneth Ghiller mill-fond 25, Triq il-Ponta, Isla, fi zmien xaghrejn mil-lum.**

**Tordna lill-konvenuti kollha sabiex ihallsu l-ispejjez relattivi ghas-sentenza tal-lum.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------